# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Marzu 2024

Network Dinji ta' Talb mal-Papa MALTA

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex dawk li jissugraw ħajjithom għall-Vanġelu f'diversi naħat tad-dinja jħeġġu l-Knisja bil-kuraġġ u bl-entużjażmu tagħhom.**

**Ninġabar:**
Insib post għall-kwiet u nitlob il-grazzja li nkun fil-preżenza ta' Ġesù.

**Fatt ċkejken:**



Lil Isqof ħabib kbir tal-Papa Benedittu XVI staqsewh għaliex il-Papa kien jilbes żarbun aħmar. Weġibhom biċ-ċajt, "għax hekk il-moda u l-Papa jħobb jimxi mal-moda!". Iż-żarbun aħmar li tant jagħti fil-għajn għax joħloq kuntrast mal-libsa bajda u twila, kien sar parti integrali mid-dehra u x-xbieha tal-Papa Benedittu. Għalhekk, dan l-Isqof kompla jispjega kif iż-żarbun aħmar jissimbolizza l-fidi ħajja li twassal għall-passjoni u l-martirju kemm ta' Kristu, kif ukoll tal-Kattoliċi ppersegwitati matul iż-żminijiet.

L-Isqof kompla juri kif, soltu, 'il-martirju' jġib quddiem għajnejna l-Insara tal-ewwel żminijiet, kemm sofrew ħruxijiet u raw il-mewt minħabba t-twemmin tagħhom. Inkella jfakkarna fil-Kattoliċi tal-Medju Evu li nqatlu taħt idejn slaten tiranni għax baqgħu jżommu mat-tagħlim tal-fidi tagħhom.

"Iżda l-martirju għadu jseħħ anke fi żminijietna", iċċara dan l-Isqof. U ta bħala eżempju l-komunitajiet Kattoliċi li qed isofru t-tortura u l-mewt taħt il-Boko Ħaram fin-Niġerja u l-Al-Shabaab fil-Lvant tal-Afrika. Imbagħad l-Isqof stieden lil dawk ta' madwaru biex jirriflettu fuq dawn ir-realtajiet u b'hekk jgħożżu d-drittijiet li għandhom tal-libertà reliġjuża u tal-kuxjenza; u anke jużawhom bħala opportunità biex isaħħu il-fidi tagħhom. Spiċċa bil-kliem, "b'hekk biss il-martirju jagħmel sens u jingħata t-tifsira sħiħa: meta jservi biex jagħtina qawwa ġdida li ġejja mill-Ispirtu fil-ħajja tagħna ta' kuljum".

**Naħseb ftit:**
Kemm jien konxju tal-persekuzzjoni tal-Insara u ta' dawk li jħaddnu twemmin ieħor? Napprezza l-libertà li għandi biex nista' nitqarben, nista' nitkellem fuq Ġesù u ngħix ħajja Nisranija fil-milja tagħha mingħajr biża' u periklu?

**Nitlob:**
Isma' Mulej, it-talb ta' dawk li jagħżlu lilek u jfaħħruk fil-prova tal-martirju. Għinna naħdmu qatigħ għal dinja fil-paċi fejn kulħadd ikun jista' jgħix it-twemmin tiegħu mingħajr biża' ta' persekuzzjoni jew mewt.

**Kliem ta' dawl:**
Ma nafux kif Alla jagħżel il-martri. Pero` nafu li jagħtuna l-iktar ħaġa prezzjuża li għandhom – ħajjithom stess. *Cesar Chavez*

**X'nista' nagħmel:**
Il-fidi tagħna tidher dgħajfa meta mqabbla mal-fidi soda ta' dawk li jċarċru demmhom għal Kristu; iżda l-martirju tagħna jaf jikkonsisti f'ġesti żgħar bħal meta naqsmu l-fidi tagħna mal-oħrajn; irroddu s-salib fil-pubbliku; nagħżlu l-bżonnijiet tal-oħrajn fuq tagħna u nqiegħdu lil Alla fuq kollox u fuq kulħadd fil-ħajja tagħna ta' kuljum.